# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Kostituzzjonali Nru:155/2019 MH**

**Nicholas Vella**

**Vs**

**Avukat Generali**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2023.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' Nicholas Vella datat 28 ta' Awissu, 2019 fejn ġie premess u sussegwentement mitlub is-segwenti:-**

***<u>Fatti</u>***

*Illi nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Pulizija dahlitilha informazzjoni kunfidenzjali illi 1-esponent allegatament kien qed izomm xi droga f'garaxx li kien jinsab fi Triq 1-lrmigg gewwa 1-lmsida. Illi konsegwentement il-Pulizija marret fuq il-post biex tissorvelja 1-akkwati.*

*Illi dakinhar stess tat-28 ta' Gunju ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart 1-esponent intlemah hiereg minn dahla li taghti ghan-numru ta' garaxxijiet igorr barmil abjad fuqu fejn il-Pulizija intervjeniet minnufih. Minn fuq il-persuna tieghu giet elevata borza trasparetni b'sustanza hadranija u cioe' Cannabis grass li 1-ammont totali taghha kien tnejn u tletin punt hamsa grammi (32.05g) b'purita ta'*

*cirka seba' fil-mija (7%) kif ukoll ammont ta' flus kontanti. Illi sussegwentement saret tfittxija anke go garaxx fejn instabu disgha sapuniet u blokka w nofs b'sustanza tal-Cannabis li 1-piz totali kien ta' disa' mija u sitta u disghin punt hamsa u sittin grammi (996.65g) b'purita' ta' cirka seba' fil-mija (7%).*

*Illi sussegwentement ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati mixli b'reati fost 1-ohrajn marbutin mal-pussess aggravat tad-droga cannabis fejn eventwalment inharget 1-att tal-akkuza numru 6/2019 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Vella.*

***Ilmenti Kostituzzjonali***

***1) Direttivi Rigward Akkreditament tal-Laboratorji Forensici***

*Illi l-esponent jirrileva illi permezz ta' Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru 2009 bl-isem ta' on Accreditation of Forensic Service providers carrying out Laboratory Activities u Regulation [ECI No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accreditation and market surveillance relating to the marketing of products datata 9 ta' Lulju 2008 l-Istati Membri gew mitluba illi r-rizultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensici akkreditati fi Stat Membru wiehed jigu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli ghall-prevenzjoni, il-kxif u linvestigazzjoni ta' reati kriminali bhala ugwalment affidabbli daqs ir-rizultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi foresici akkreditati ghall-EN ISO/IEC 17025 fi hdan kwalunkwe Stat Membru iehor. Illi dan l-ghan jinkiseb billi jigi zgurat li l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-EN Iso/IEc 17025.*

*Illi I-Council Framework Decision 2009/905/JHA giet trasposta hawn Malta u tinsab implimentata fil-Ligi Maltija permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni dwar I-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensici li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji datata 29 ta' Marzu 2016.*

*Illi jigi rilevat illi fornituri ta' servizzi forensici jistghu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jigu akkreditati mill-korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 li huwa mekkanizmu li jghin u li jistabbilixxi jekk laboratorji forensici jistghux joperaw b'mod kompetenti u jiggenerawx*

*rizultati kredibbli u attendibbli u dan sabiex jippromwovi kunfidenza fix-xoghol maghmul fl-istess Laboratorji fl-istati membri.*

*Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern id-droga misjuba giet analizzata mill-Ixjenzat Godwin Sammut f'laboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat u allura l-analizzar tal-istess droga f'laboratorju mhux akkreditat u dan ai termini ta' standards kemm barranin kif ukoll lokali senjatament standards li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 mill-Ixjenzat Godwin Sammut iwassal ghan-nuqqasijiet u pregudizzji kbar ghall-esponenti u li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess esponent stante in-nuqqas ta' konformita' ma' tali standards. Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Labortarju hawn imsemmi ma jwassalx ghas-serhan tal-mohh fl-esponenfi illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanzi miksuba mill-istess Xjenzat huma konformi mal-Ligi anzi l-istess analizzar, gbir u r-rizultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti u dan peress illi mhumiex konformi kemm mal-Ligi Sussidjarja kif ukoll mal-Ligi Ewropea.*

*Illi ghaldaqstant stante illi l-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga imsemmija ma kienx akkreditat u dan ai termini l-Legislazzjoni fuq imsemmija u standards barranin jikkostitwixxi nullita fil-proceduri odjerni stante ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u lArtikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*2) Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tal-esponent u tax-xhud Nigel Micallef*

*Illi jigi rilevat illi l-kaz odjern gie msejjes principarjament fuq l-istqarrijiet illi gew rilaxxati mill-esponenti [l-akkuzat] u x-xhud Nigel Micallef, liema stqarrijiet inghataw mill-esponenti u mix-xhud minghajr ma inghatalhom id-dritt illi jkollhom l-avukat tal-fiducja taghhom prezenti waqt tali stqarrijiet peress illi l-ligi f'dak iz-zmien ma kienetx tippermetti dan.*

*Peress illi l-Ligi fiz-zmien illi fih l-esponenti u x-xhud Nigel Micallef gew arrestati u investigati ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat matul tali stqarrijiet dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-tehid tal-istqarrija huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu ghall-smiegh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall-esponenti;*

*illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha [ara fost 1-ohrajn: Salduz vs. Turkey, Dayanan v. Turkey, Pischalnikov v. Russia Plonka vs. Poland Brusco vs. France, Pavlenko vs. Russia, Boz vs Turkey, Demirkaya vs Turkey, Mario Borg vs Malta, A.T. vs Luxemborg).*

*Illi f'Malta 1-Qrati Nostrani wkoll sabu ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fis-sentenzi* ***Christopher Bartolo vs AG, 11-Pulizija vs Aldo Pistella, 11-Pulizija vs Claire Farrugia, 11-Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs. Esron Pullicino.***

*Ghalhekk 1-istqarrija moghtija mill-esponent u kwalunkwe dikjarazzjoni illi r-rikorrent ghamel mal-Ufficjali tal-Pulizija inghataw fi zmien meta huwa ma setghax ikollu lill-avukat tal-ghazla tieghu prezenti tul 1-istqarrija u ghalhekk ma setax jigi spjegat lilu l-konsegwenzi ta' dak li qieghed jghid. Ghaldaqstant il-fatt illi 1-istqarrija tal-esponent u kwalunkwe dikjarazzjoni tieghu gew ammessi fil-proceduri, liema stqarrija u dikjarazzjonijiet skont gurisprudenza kopjuza kemm Ewropea kif ukoll dik Maltija ittiehdu b'mod leziv u jiksru d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, ikkundizzjona u jista' jikkundizzjona b'mod negattiv il-konkors tal-proceduri kriminali.*

*Illi inoltre jigi rilevat illi 1-istqarrija ta' Nigel Micallef ghandha tigi sfilzata mill-inkartament kriminali stante illi ma kellux il-fakulta' illi jkollu 1-avukat tal-fiducja tieghu prezenti qabel ma rrilaxxa tali stqarrija liema imbaghad stqarrija gie rinfaccjat biha fil-proceduri kriminali odjerni. Illi fil-fatt, mill-provi prodotti fil-proceduri odjerni jirrizulta ampjament illi Nigel Micallef irrilaxxa tali stqarrija minghajr ma inghata d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu u ghalhekk 1-istess stqarrijiet u kull referenza ghalihom hija leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-esponenti stess kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***3) Rimedju***

*Illi dwar ir-rimedju mitlub minnu, 1-esponenti jaghmel referenza inter alia ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet* ***Panovits vs Cipru****, deciza fil-ll ta' Dicembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:*

*"It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings. "*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina I-Onorabbli Qorti jogh-gobha:*

1. *Tiddikjara illi minhabba l-fatt illi l-laboratorju fejn giet analizzata d-droga misjuba mhux akkreditat skont id-Direttivi Ewropej gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Tiddikjara illi minhabba l-fatt illi l-esponenti u x-xhud Nigel Micallef fil-proceduri kriminali kontrih ma kellhomx l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni taghhom, gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

3. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;*

**Rat ukoll ir-risposta ta’ l-Avukat Generali, datata 10 ta’ Ottubru, 2019[1] fejn in sintesi ressaq eċċezzjonijiet biex jilqa’ għat-talbiet tar-rikorrenti.**

*Jesponi bir-rispett:*

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegata lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq protett permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6*

[1] Folio 5

*tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress fi kliem ir-rikorrenti (a) "stante illi l-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga imsemmija ma kienx akkreditat u dan ai termini l-Legislazzjoni fuq imsemmija u standards barranin jikkostitwixxi nullita fil-proceduri odjerni stante ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"; u (b) "Peress illi l-ligi fiz-zmien illi fih l-esponenti u x-xhud Nigel Micallef gew arrestati u investigate ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arestat matul tali stqarrijiet dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem".*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-kwistjoni mqajjma mir-rikorrenti. Dan ghaliex dan l-artikolu jghodd biss fejn inkun inbeda procediment quddiem qorti (ara s-sentenza ghar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco deciza fil-15 ta' Novembru 2011). F'dan il-kaz, in kwantu l-ilment jinsab dirett fil-konfront ta' perjodu fejn kienet ghaddejja l-fazi tal-interrogazzjoni min-naha tal-Pulizija tali perjodu mhuwiex kopert fil-protezzjonijiet mahsuba bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk ladarba c-cirkostanzi kkontestati jmorru lura ghal grajjiet li sehhew qabel ma kienu lahqu nbdew xi procedimenti, allura dan ifisser li din il-parti tal-ilment ma tistax taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Isegwi ghalhekk li dan l-artikolu ma japplikax in kwantu qieghdha tigi attakkata l-istqarrija li rrilaxxa r-rikorrenti;*

2. *Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, gialadarba l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, dina l-azzjoni kostituzzjonali hija wahda prematura. Dan qieghed jinghad stante li minkejja li gie prezentat l-Att tal-Akkuza in konfront tar-rikorrenti, il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ghadhom ma gewx appuntati ghas-smigh bil-konsegwenza li f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati in vacuo;*

*Illi gie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja li biex tinsab lezjoni tas-smiegh xieraq kif imhares taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita' tieghu. Bhala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux*

*ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru izda irid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).*

*Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara Fenech vs Avukat Generali deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (Pullicino vs Onor. Prim Ministru et deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).*

*Illi r-rikorrenti ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li gie miksur id-dritt tieghu ta' smigh xieraq minhabba l-mod kif ittiehdet l-istqarrija tieghu u dik tax-xhieda principali. Ladarba l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, allura r-rikorrenti jgawdi mis-salvagwardji kollha tal-process gudizzjarju.*

*Ghalhekk il-fatt wahdu li r-rikorrenti rrilaxxa stqarrija minghajr assistenza ta' avukat jew li x-xhieda principali ma kellhomx assistenza ta' avukat waqt li rrilaxxaw l-istqarrija taghhom ma ssostnix l-ilment tal-ksur ta' dritt ta' smigh xieraq ghaliex dawn wahidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa ghal kollox intempestiv u prematur. Jigi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq jista' jigi ezaminat biss ladarba l-process kriminali tieghu jigi konkluz;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti minn allegat nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-Laboratorju fejn saru t-testijiet fuq id-droga li biha nqabad in flagrante r-rikorrenti, l-esponenti jibda billi jissottometti li dina hija kwistjoni purament ta' ligi ordinarja u mhijiex kwistjoni ta' indoli kostituzzjoanli. Illi kwistjonijiet dwar ammissibilita' ta' xhieda jew dokumenti jigu dibattuti quddiem il-qrati ordinarji li jkunu qeghdin ji-simghu il-kwistjoni partikolari. In fatti, jekk wiehed janalizza n-Nota ta' Eccezzjonijiet li r-rikorrenti pprezenta quddiem il-Qorti Kriminali wara li nhareg l-Att ta' Akkuza in konfront tieghu jirrizulta li dan li qieghed jitlibbes bhala kwistjoni kostituzzjonali tqajjem bhala eccezzjoni preliminari. Illi aktar minn hekk, jekk fil-fehma tar-rikorrenti hemm xi nuqqas fi trasposizzjoni ta' ligi tal-Unjoni Ewropeja, certament li tali*

*kwistjoni ma ghandhiex titqajjem quddiem il-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali izda quddiem il-Qrati ordinarji. Illi ghalhekk, in kwantu dina l-lanjanza, ir-rikorrenti seta' facilment jadixxi lill-Qrati ordinarji, kif fil-fatt ghamel fin-Nota ta' Eccezzjonijiet tieghu tramite r-rimedju ordinarju li jahseb ghalih kemm il-Kodici Kriminali bil-konsegwenza li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha skont l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti minn allegat nuqqas ta' akkreditazzjonni tal-Laboratorju fejn saru t-testijiet fuq id-droga, l-esponenti jissottometti illi d-decizjoni kwadru 2009/905/JHA li tittratta akkreditazzjoni ta' laboratorji forensi mhijiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li dak li tezigi u tirregola id-decizjoni kwadru huwa li laboratorji forensi li jaghmlu testijiet tal-marki tas-swaba jew tal-profili tad-DNA ghandhom ikunu akkreditati. Fil-kaz odjern la saru testijiet minn laboratorji forensi fuq marki tas-swaba u lanqas tal-profili tad-DNA izda t-testijiet kienu fuq is-sustanza suspettuza li nstabet sabiex jigi accertat jekk kinitx droga, fl-affermattiv x'tip ta' droga u l-purita' tal-istess.*

*Illi l-Artikolu 2 tal-istess Decizjoni Kwadru taghmilha cara li l-applikazzjoni taghha hija limitata ghal attivitajiet f'laboratorji li jkollhom x'jaqsmu ma 'DNA-profile' jew 'dactyloscopic data'. Illi hija biss bir-rigward ta' dawn iz-zewg attivitajiet partikolari li l-Artikolu 4 tad-Decizjoni Kwadru jimponi l-obbligu illi "Member States shall ensure that their forensic service providers carrying out laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025". Madanakollu dan l-obbligu ma japplikax ghal testijiet fil-laboratorji forensi li jikkoncernaw sustanzi illeciti u li ghalhekk bir-rispett kollu dina d-Decizjoni Kwadru mhijiex rilevanti u lanqas ma tapplika fil-kaz tar-rikorrenti fejn it-testijiet saru fuq is-sustanza illecita li nsabet fuqu.*

*Illi lanqas ir-Regolament tal-Unjoni Ewropeja numru 765/2008 li fuqu jibni parti mill-allegazzjoni tieghu ir-rikorrenti ma huwiex applikabbli ghall-fatti specie tal-kaz odjern u stante li dan ir-regolament ma jirregolax servizzi izda l-akkreditazzjoni ta' prodotti. In fatti l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament jiddelinea l-applikazzjoni tar-Regolament li jaghmilha cara fl-Artikolu 1.2 illi "This Regulation provides a framework for a market surveillance of products to ensure that those products fulfil requirements providing a high level of protection of public-interests, such as health and safety in general, health and safety at the workplace, the protection of consumers, protection of the environment and*

*security". L-Artikolu 1.3 jipprovdi illi "This Regulation provides a framework for controls on products from third countries".*

*Illi ghalhekk huwa car li gialadarba la d-Decizjoni Kwadru u lanqas ir-Regolament ma huma applikabbli, il-lanjanza tar-rikorrenti mibnija fuqhom certament li ma tregix.*

5. *Illi in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mit-tehid tal-istqarrija, l-esponenti jissottometti li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali li persuna akkuzata b'reat kriminali jkollha procedura li jinzammu bil-garanziji ta' smigh xieraq. Illi l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx thalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju taghha ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni li gie lez id-dritt ghal smigh xieraq. Illi sabiex in-nuqqas ta' assistenza legali tkun tista' potenzjalment twassal ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq irid jigi muri b'mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq periklu illi persuna tinsab hatja meta ma ghandux ikun hekk;*

*Illi dak li jiggarantixxu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa dritt ghal smigh xieraq u mhux dritt ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed l-istqarrija. Illi marbut ma' dan, id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kunstest tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument specifiku;*

*Illi wiehed ma jridx jinjora wkoll il-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrenti nghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrenti kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha u dan kif jirrizulta mill-istess kontenut tal-istqarrija minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti wiegeb ghal certu domandi, ma wegibx ghall-ohrajn u li ma ffirmax l-istqarrija. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti nghata d-dritt li jiehu parir minghand avukat qabel jirrilaxxa l-istqarrija tieghu, minkejja li nghata dan id-dritt ir-rikorrenti rrifjuta l-parir legali, u li ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jallega li huwa kien sprovvist kompletament minn ghajnuna ta' avukat. Illi maghdud ma' dan, ir-rikorrenti ma sofra ebda pressjoni, theddid jew influwenza fit-tehid tal-istqarrija u lanqas jista' jigi kkunsidrat bhala persuna vulnerabbli u dan stante li meta kien interrogat l-istess rikorrenti kellu tletin sena li jfisser li kellu diga' esperjenza tal-hajja u li certament li ma jistax jitqies bhala persuna vulnerabbli. Illi jirrizulta wkoll mill-atti processwali penali senjatament mill-fedina penali li r-rikorrenti kien xellef difrejgh mal-gustizzja diversi drabi qabel ma ttiehdet l-istqarrija li minnha*

*qieghed jillamenta u li certament li ma jistax jinghad li b'xi mod huwa kien intimidat mill-presenza tal-Pulizija.*

*Illi d-dritt ghall-assistenza legali fil-mument tal-interrogazzjoni giet imfissra u interpretata mill-Qorti Ewropea f'diversi kazijiet fejn l-interpretazzjoni nbidlet kemmxejn mill-interpretazzjoni originali li kienet inghatat ghal certu perjodu ghal liema sentenzi jirreferi ghalihom ir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu. Fil-kuntest ta' dan l-izvilupp gurisprudenzjali, l-esponenti jirreferi ghad-decizjoni moghtija mill-Grand Chamber fl-ismijiet* ***Beuze v. Belgium*** *fejn gew elenkati numru ta' fatturi li kellhom jittiehdu in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni jekk effettivament inkisirx id-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mit-tehid ta' stqarrija minghajr assistenza legali. Illi wara li nghatat is-sentenza* ***Beuze v. Belgium*** *il-Qorti Ewropeja kellha l-opportunita' li tevalwa s-sistema processwali kriminali nostrana sabiex tara jekk is-sistema Maltija toffrix garanziji bizzejjed anke jekk id-dritt ta' avukat ikun ristrett b'mod sistematiku u fejn ma jirrizultawx ragunijiet impellenti. In fatti, fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia v. Malta*** *li nghatat fl-4 ta' Gunju 2019, il-Qorti Ewropeja sabet li l-fatt li persuna ma kinitx inghatat assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u dan peress li kien hemm restrizzjoni sistematika dan fih innifsu ma jiksirx id-dritt ta' smigh xieraq stante li s-sistema nostrana toffri garanziji ta' smigh xieraq tul il-process kriminali li jinnewtralizzaw tali restrizzjoni bil-konsegwenza li s-sistema Maltija tissodisfa t-test tal-overall fairness fil-proceduri kriminali.*

6. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija li giet rilaxxata mix-xhud Nigel Micallef, l-esponenti jissottometti li hi biss il-persuna li taghmel l-istqarrija li ghandha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex access ghall-avukat u tinvoka ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Illi dan japplika rrispettivament jekk it-terz li jkun irilaxxa l-istqarrija minghajr l-assistenza ta' avukat jittellax bhala xhud jew ikun ko-akkuzat fil-proceduri kriminali. Illi l-persuna li tittihdilha stqarrija ghandha kull dritt li tikkontesta tali stqarrija jekk fil-fehma taghha l-istqarrija tkun ittiehdet b'abbuz madanakollu fil-kaz odjern ma jidhirx li x-xhud ghalkemm ittenta jixhed differenti meta ttellgha bhala xhud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja huwa fl-ebda waqt ma lmenta li tali stqarrija ittiehdu b'abbuz jew ikkontesta l-kontenut tal-istess ghalkemm kellu kull fakulta' u access hieles ghall-qorti sabiex jaghmel hekk jekk hass il-htiega.*

*Illi maghdud mas-suespost, wiehed ma jridx jinjora l-fatt li l-istqarrijiet rilaxxati minn terzi jintuzaw biss biex jikkontrollaw lit-terz waqt ix-xhieda li jkun qieghed jaghti f'kaz li tali xhud ibiddel il-verzjoni tieghu kif fil-fatt sar f'dan il-kaz meta xehed Nigel Micallef fil-kumpilazzjoni. Illi fil-mument li xhud li jkun irrilaxxa stqarrija jixhed viva voce quddiem qorti penali jiskattaw id-drittijiet tal-akkuzat*

*inkluz dak li jikkontro-ezamina lix-xhud biex isostni l-ahjar mod id-difiza tieghu u b'liema kontro-ezami l-akkuzat ikun qieghed jezercita l-kontroll tieghu bhala difiza.*

*Illi d-dritt ta' smigh xieraq ma jaghti l-ebda dritt lill-persuna akkuzata li wettqet reat kriminali li ma titressaq l-ebda xhieda li tista' b'xi mod tkun ta' hsara ghaliha, bhallikieku persuna akkuzata bi twettiq ta' reat ghandha dritt li f'kull kaz tinstab mhux hatja jew li l-principju tal-equality of arms tfisser li l-prosekuzzjoni tigi mcahhda mill-mezzi biex tipprova l-kaz taghha. Illi fil-fehma tal-esponenti, l-fatt wahdu li ssir stqarrija meta min jaghmilha ma jkollux l-ghajnuna ta' avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u dan japplika b'aktar forza meta minn jirrilaxxa l-istqarrija qatt ma jkun illamenta minn tali stqarrija.*

*Illi l-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fuq dina l-kwistjoni fl-atti tar-referenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi*** *deciza fit-13 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma sabet l-ebda ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq bit-tehid tal-istqarrija tax-xhud ewlieni meta tali xhud ma kinitx assistita minn avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija taghha. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali stess fil-paragrafu 17 et seq tas-sentenza taghha insibu illi "Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-llum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt wahdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttiehdet waqt l-interrogazzjoni taghha ttiehdet minghajr ma kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li ghamlet l-istqarrija kellha kull fakolta li tikkontestaha izda mhux biss m'ghamlitx hekk anzi regghet tenniet dak li qalet f'xhieda hielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li ghamlet l-istqarrija – ma cahditihiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttiehdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali taghha – ghalkemm kellha kull fakolta li taghmel hekk b'access hieles ghall-qorti – dik l-istqarrija ghandha titqies bhala xhieda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proceduri kriminali kontra tieghu l-attur ghandu l-fakoltajiet kollha li jaghtih il-gedd ghal smigh xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jaghmel il-kontro-ezami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-ahjar mod id-difiza tieghu". Huwa car ghalhekk li l-Qorti Kostituzzjonali diga' stabbiliet il-principju li ma hemm l-ebda lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq naxxenti mit-tehid ta' stqarrija ta' terz li ma jkunx assistit minn avukat meta tittiehed l-istqarrija u liema terz ikun eventwalment imharrek bhala xhud fil-proceduri kriminali.*

7. *Illi jsegwi ghalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

8. *Salv u impregudikata kwalunkwe eccezzjoni ohra f'kaz ta' bzonn.*

9. *Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawza, b'mod partikolari dawk tal-Qorti Kriminali u l-Qorti Istruttorja annessi.[2]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li presenta l-Avukat ta' l-Istat. Tinnota ukoll illi r-rikorrenti baqa' nadempjenti fir-rigward.

Ikkkunsidrat

Illi r-rikorrenti jressaq ilmenti Kostituzzjonali ukoll Konvezjonali ai terminu ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kostituzzjoni) u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (il-Konvenzjoni) in kwantu jilmenta lli l-proċeduri kriminali miġjuba kontrih huma hekk difettuzi n kwantu l-analiżi tad-droga sar go laboratotju mhux debitament akkredetat, ukoll li l-istqarrija tiegħu ġiet meħuda mingħajr ma hu ngħata d-dritt ta' assistenza legali tul it-teħid ta' l-istess stqarrija, ukoll li l-istqarrrija tax-xhud Nigel Vella, miġjuba bħala prova kontra l-istess rikorrenti fil-proċeduri Kriminali hija hekk milquta.

Kif ingħad l-Avukat ta' l-Istat laqa' kif premess għat-talbiet tar-rikorrenti lil Qorti tiddikjara l-ksur ta' l-artikoli 39 u 6 imsemmija u tgħaddi biex takkorda d-debita rimedju lir-rikorrenti.

[2] Kumpilazzjoni 333/2016 u l-Att ta' Akkuza 6/2019.

Għalhekk qabel il-Qorti ma tibda biex tagħmel analizi tat-talbiet, tħoss li hu opportun li jiġu stabbiliti l-elementi li jikkostitwixxu smigħ xieraq ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostitiuzzjoni ukoll 6 tal-Konvenzjoni fil-kamp kriminali u suċċint ta' punti generali governanti l-istess.

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni nostrali fil-partijiet relevanti għal-lat kriminali jaqra:

*"39.(1)* ***Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi***

*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtoritàta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhemu bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikunakkużat;*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jewpermezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista'jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkunmeħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każtiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legalitiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiemkull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġettgħall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmell-eżami*

*tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem*il-qorti bl-istess kondiz-zjonijiet *bħal dawk li jgħoddugħal xhieda msejħa mill*-prosekuzzjoni; *u*

*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta'interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammufl*-assenza *tiegħu ħliefjekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-*tkomplija *tal-proċe-duri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl*-assenza *tiegħu.*

*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-*persuna *akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-*nom tal-qorti.

*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx* jikkostitwixxi *reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat krim-inali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien metajkun ġie magħmul.*

*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xiqorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatjajew liber-ata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reatjew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatjafil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjurimogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar* id-dikjarazzjoni *ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandhatgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkuninkonsis-tenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba bissli tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korpdixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri udikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-*membru skont *il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-*korp, *imma hekk illi kull qorti li tkunhekk tiġġudika dak il-*membru u li *hekk issibu ħati għandha metatikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija liluskont dik il-liġi dixxiplinarja.*

*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali magħandha* tkun obbligata *li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

***(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ,prokuratur legali."***

**L-Artikolu 6(1) Tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jgħid hekk:**

*"Article 6 of the Convention – Right to a fair trial "1. In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgment shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice.*

*2. Everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until proved guilty according to law.*

*3. Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*

*(a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him; (b) to have adequate time and facilities for the preparation of his defence;*

*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require; (d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him; (e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court."*

**Fil-Guide on Article 6 of The European Convention on Human Rights ; Right to a Fair Trial (Criminal Limb)[3] insibu dan fuq l-elementi ta' smigħ xieraq:**

***"A.The fundamental principle***

> *1. The key principle governing the application of Article 6 is fairness (Gregačević v. Croatia, 2012, § 49). However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], 2016, § 250)*

[3] Aġġornat fil 31 ta' Awwissu, 2022

2. *In each case, the Court's primary concern is* ***to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident.*** *However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). Thus, for instance, in the context of its assessment of the pre-trial judge proceedings confirming the indictment, the Court has stressed that it must have regard to the proceedings as a whole, assessing the handling of the case by the pre-trial judge in light of the subsequent trial, when determining whether the rights of the applicant were prejudiced. As part of that determination, it needs to be assessed whether any measures taken during the proceedings before the pre-trial judge weakened the applicant's position to such an extent that all subsequent stages of the proceedings were unfair (Alexandru-Radu Luca v. Romania,* § 63). (tipa grassa emfasi ta' din il-Qorti.)*

3. *Where a procedural defect has been identified, it falls to the domestic courts in the first place to carry out the assessment as to whether that procedural shortcoming has been remedied in the course of the ensuing proceedings, the lack of an assessment to that effect in itself being prima facie incompatible with the requirements of a fair trial according to Article 6 of the Convention (Mehmet Zeki Çelebi v. Turkey, 2020, 51). Moreover, the cumulative effect of various procedural defects may lead to a violation of Article 6 even if each defect, taken alone, would not have convinced the Court that the proceedings were unfair (Mirilashvili v. Russia, 2008, 165)".*

**Stabbiliti dawn il-prinċipji jinħtieg li jiġu l-ewwel lok ikkunsidrati l-eċċezzjonijiet preliminari ta' L-Avukat ta' l-Istat li jolqtu l-intempestivita' ta' l-ilmenti u t-talbiet mressqa u l-applikabilta' ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

Ikkonsidrat

Fl-eċċezzjonijet preliminari tiegħu ta' l-Avukat ta' l-Istat jikkontesta l-applikazzjoni ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għal vertenza mressqa mir-rikorrenti in kwantu jikkontendi li dan huma napplikabbli għal fazi ta' interogazzjoni, kif inhu il-fatt tat-teħid ta' stqarrija, imma jiskatta meta jkun hemm proċeduri attwali pendenti quddiem Qorti. Jsostni għalhekk li l-artikolu 39 ma jkoprix fazi preliminari ta' interrogazzjoni. Mentri fit-tieni eċċezzjoni tiegħu

jqies li din l-azzjoni kostituzjonali hija waħda intempestiva, tant lil ksur allegat se jiġi tratta in *vacuo* ġialadarba l-proċeduri kriminali għandhom lanqas biss inbdew. Jqies li biex jiġi valutat jekk hemmx ksur kemm ta' l-artikolu 6 ukoll 39 imsemmija, irid jiġu kkunsidrati l-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom, mhux f'parti isolata tal-proċess kriminali.

**L-ewwel eċċezzjoni; l-applikazjoni ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

L-Avukat ta' l-Istat jilqa' b'din l-ewwel eċċezzjoni preliminari billi jargumenta li mill-qari nnnifsu ta' l-istess artikolu 39, illi l-applikazzjoni tiegħu hija fi proċediment kriminali innifsu n kwantu l-istess liġi titkellem fuq *Qorti indipendenti u mparzjali.*

Pero l-ġurisprudenza tgħallem mod ieħor. Għalhekk insibu lil Qorti Kostituzzjonali fir-rikors kostituzjonali 47/2016/1 fl-ismijiet **Domenic Camilleri vs Avukat Ġenerali**[4] kellha dan xi tgħid:

> *" 12. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet li l-art. 39 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum. Ifisser dan l-ewwel aggravju tiegħu hekk:*
>
> *»... l-ewwel qorti għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* <u>*Malcolm Said v. Avukat Ġenerali et*</u> *u osservat illi:*
>
> *»"ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrenti ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur taddrittijiet tar-rikorrent il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta l-attur kien għadu qed jiġi investigat, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment fejn ikun ġie akkużat isir użu mill-istqarrija kontra l-akkużat. Għalhekk din il-qorti tgħid illi huwa infondat l-argument tal-Avukat*

[4] 2 ta' Marzu, 2018.

*Ġenerali illi l-art. 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ taħt eżami, anke tenut kont ukoll tal-fatt illi fil-każ tal-lum il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qagħdet fuq l-istqarrijiet tar-rikorrent fl-għoti tas-sentenza tagħha».*

*»L-appellant ma jaqbilx ma dina l-konklużjoni tal-ewwel qorti u dan stante li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ odjern u dan peress li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkużata b'reat u mhux qabel. Mill-att promotur jidher li l-appellat qed jattakka tteħid tal-istqarrija u cioè l-kawża odjerna tirreferi għall-istadju qabel ma l-appellat tpoġġa taħt akkuża u riferibbilment għall-istadju talinterrogatorju u għalhekk l-azzjoni odjerna ma tinkwadrax ruħha f'dak li jaħseb għalih l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*»L-appellant jagħmel riferenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech</u> deċiża fl-10 ta' Jannar 2012 fejn ġie stabbilit dan il-punt liema punt ġie kkonfermat minn dina lonorabbli qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' April 2013 u fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha kienet għamlet referenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Migneco</u> deċiża fil-15 ta' Novembru 2011 fejn ġie osservat illi: »"l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija talpersuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja; Illi minħabba li ċċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għarreferenza jirrigwardjaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn millambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Illi għalhekk, din il-qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni".*

*»Illi dan kien ukoll dak li ddeċidiet reċentement dina l-onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Frar 2017 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) v. Philip Borg (referenza kostituzzjonali numru 21/2016) osservat illi: z*

*«9. Din il-qorti ser tibda billi tgħid li peress li l-allegat ksur seħħ waqt l-interrogazzjoni u qabel ma ġie akkużat Philip Borg, hi taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ... mhux applikabbli għall-każ peress li dan l-artikolu jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti u tiġi allegata vjolazzjoni ta' dritt fondamentali. Ir-risposta għar-referenza għandha għalhekk tkun li dan l-artikolu ma japplikax fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."«*

14. *L-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:*
*»**39.** (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti s-smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa*
*b'liġi.«*

15. *Huwa minnu illi dan l-artikolu jolqot ċirkostanzi fejn ikun inbeda proċess kriminali quddiem qorti u jagħti drittijiet lil min ikun "akkużat" f'dawk il-proċeduri. Huwa minnu wkoll iżda illi fil-każ tallum inbeda u għadu għaddej proċess kriminali kontra l-attur u l-istqarrijiet li għamel, għalkemm saru qabel ma kien formalment mixli, madankollu sar użu minnhom waqt il-proċeduri kriminali u għalhekk setgħu jolqtu – u filfatt laqtu – dak li sar waqt dawk il-proċeduri u potenzjalment għalhekk jistgħu jwas-slu għal sitwazzjoni li tkun ta' relevanza għall-għanijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni. Ma huwiex minnu illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Dan ifisser illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkunx sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-*

*istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat"*[5].

16. *Għalhekk ma jistax jingħad illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum it-teħid tal istqarrijiet ma huwiex ta' rele-vanza għall-proċess kriminali li ċertament jintlaqat bl-art. 39.*

17. *L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali, għalhekk, ma jistax jintlaqa'."*

**Il-Qorti tagħmel tagħha dan it-tagħlim u ragunament u kosegwentement issib li l-ewwel eċċezzjoni mressqa mhux waħda tajba.**

**It-tieni eċċezzjoni hija marbuta mall-intempestivita' tat-talba, b'hekk l-Avukat ta' l-Istat jsostni illi l-ilment ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq jinħtieg li jiġi kkunsidrat mill-lat tal-proċediment sħiħ tal-proċess ġudizzjarju u mhux wieħed mislut kif inhu l-kaz propost.**

Għal dan l-iskop isir referenza għal dak li ġie stabbilit fil-kazistika tal-Qorti Ewropeja ukoll dik nostrali. Huwa prinċipju llum miżmum illi l-ilment dwar siwi tal-proċeduri għandu jiġu eżaminati fit-tmien l-istess proċeduri, għalhekk l-impatt meqjus fit-totalita' tal-proċeduri. Hekk ingħad fid-deċizjoni fl-ismijiet **<u>Noel Arrigo v. Malta</u>** deċiża fl-10 ta' Mejju 2005 li kienet tolqot allegat ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza fi proċeduri kriminali, fejn insibu hekk;

*"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July*

[5] Ara *e.g.* <u>Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*</u>, Kost. 24 ta' Ġunju 2016.

> *1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243-244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants' submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 51, 64). It follows that this complaint is manifestly ill-founded and must be rejected in accordance with Article 35 §§ 3 and 4 of the Convention.";*

Dan l-istess ħsieb u prinċipju ġie mħaddan mill-Qorti Ewropeja f'deċiżjonijiet fl-ismijiet **Martin Dimech vs Malta**[6] ukoll **Tyronne Fenech vs Malta**[7] li kienu jittrattaw ta' ilmenti simili għal vertenza in eżami trattando ta' teħid ta' stqarrijiet mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma avukat, fejn ukoll kienu għadhom għadejjin il-proċeduri kriminali relattati u ukoll sar ilment dwar is-smigħ xieraq, intqal dan mill-Qorti Ewropeja:

> *, "applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction*

[6] 2 ta' April, 2015
[7] 5 ta' Jannar, 2016

> *by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convnetion, for non-exhaustion of domestic remedies."*

Fid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzjonali li kienet titratta referenza Kostituzzjonali/konvenzjonali fl-ismijiet **L-Ispettur ( Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi**[8] intqal hekk in tematika:-

> *" F'ċirkostanzi li jaqgħu taħt l-ewwel tip ta' sitwazzjoni, i.e. fejn il-proċeduri kriminali jkunu ntemmu, din il-qorti, qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Borg mill-Qorti Ewropea, kienet tat numru ta' sentenzi – fosthom Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali*[9] *u Geoffrey Galea v. Avukat Ġenerali et*[10] *– fejn applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità. Fi kliem ieħor, meta ġiet biex tippro-nunzja ruħha dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt fonda-mentali tas-smigħ xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma pprovdietx illi sempliċiment minħabba l-fatt li l-akkużat ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu fl-istadju tal-interrogazzjoni, mela dan awtomat-ikament ifisser illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, iżda kienet issib leżjoni ta' dan id dritt fondamentali tal-akkużat f'dawn iċ-ċirkostanzi f'każijiet*

[8] Referenza 12/2016MH deċiża 13/02/2017
[9] Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

[10] Kost. 28 ta' Ġunju 2013.

*biss fejn l akkużat ġarrab preġudizzju bħala konsegwenza tal-fatt li hu ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat. Kienet addottat dan ir-raġunament preċiżament sabiex tilqa' għall-abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u sabiex tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali.*

***Il-Il- Qorti Ewropea wkoll, fil-każ ta' Dimech, kienet qalet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. L-istess ħaġa qalet fis-sentenza aktar riċenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v . Malta, fejn iċ-ċirkostanzi kienu jixbhu dawk tal-każ tallum. Il-qorti qalet hekk:***

***»"In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.***

***»The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August***

***2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).***

***»The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.***

***»Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«***

*L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta'* Malcolm Said*, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn komprometttenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta'* Borg*. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma*

*jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.*

*Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xi-eraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni iżda jkun hemm tali ksur jekk isir użu mill-istess stqarrija fil-proċeduri kriminali kontra l-appellant Clayton Az-zopardi."*

Dan li għadu kif ingħad irid jiġi ukoll ikkunsudrat mill-lat tal-fatt illi kuntrarjament għal dak li jiġri fl-ordinament ġuridiku internazzjonali, lokalment fil-Kostituuzzjoni stħarrig jista' jsir mhux biss meta jkun okorra ksur, imma f'terminologija aktar ampja, ukoll meta jekk x'aktarx se jokkorri ksur ta' smiegħ xieraq, dan kif rifless fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ukoll l-artikolu 4(1) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan intqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Glenn Beddinfield vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** [11]; -

*"Huwa veru li s-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 jitkellem dwar allegazzjoni ta' dak li jkun li xi dritt fondamentali tiegħu "x'aktarx ser jiġi miksur", iżda din l-espressjoni qatt ma ġiet interpretata, sia fil-kuntest ta' l-imsemmi artikolu 4 u sia fil-kuntest tad-disposizzjoni*

[11] Deċiża 7 ta' April, 2003

> *analoga fil-Kostituzzjoni, li l-Prim'Awla (fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha) jew din il-qorti għandhom jiddeċiedu kwistjonijiet jew fl-astratt jew fl-ipotesi li tavvera ruħha xi kontinġenza partikolari. Biex wieħed jista' jallega li "x'aktarx ser jiġi miksur" xi dritt fondamentali l-fatti jridu jkunu tali li jistgħu jwasslu raġjonevolment għal stat ta' fatt determinat, liema stat ta' fatt ikun jikkozza ma xi wieħed jew aktar mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem";*

L-istess ġie sostnut fid-deċiżjoni fl-**ismijiet Joseph sive Nadia Hili v. Avukat Ġenerali et**[12] fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet *"L-espressjoni 'x'aktarx' tfissirx li jista' possibilment ikun hemm fil-futur xi ksur ta' tali dritt, iżda timplika li, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat huwa wieħed reali u imminenti;"*

Magħmula dawn il-oservazzjonijiet il-Qorti tqies li jkun ferm prematur jekk minn issa jiġi dikjarart il-ksur imfittex mir-rikorrenti n vista tal-fatt lil proċess kriminali jrid jiġi valutat fl-intier tiegħu. L-ilmenti mressqa jinħtieġu eżami ħolisitiku ta' l-impatt tagħhom fuq il-proċess kriminali fit-totalita' tiegħu. Kif se naraw il-quddiem il-każistika f'tali ilment żvillupat b'tali mod li trid li jiġu eżminati diversi fatturi ta' kif prova/xhieda impattat l-andament tal-proċess mill-lat tas-smiegħ xieraq. Fil-kaz tar-rikorrenti il-ġuri għadu ma ġiex ċelebrat, dan iwassal għal konklussjoni li l-ilmenti tar-rikorrenti huma prematuri u għal kollox intempestivi għax minn issa ma jistax jingħad li hemm ksur tad-drittijiet minnu

[12] Deċiża 30 ta' Mejju, 2003

reklamati. **Għalhekk f'dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali għandu ragun f'dak minnu eċċepiet fit-tieni eċċezzjoni.**

**It-Talbiet tar-rikorrenti.**

L-ewwel talba tar-rikorrenti tolqot il-validita' ta' prova miġjuba, l-analiżi tas-sustanza misjuba għandu u fil-pussess tiegħu, in kwantu din l-analiżi ma saritx ġo laborartorju akkreditat. Għalhekk jippunta għal ksur ta' smiegħ xieraq jekk dawn l-analiżi jitħallew jintużaw fil-proċeduri kriminali, issa il-ġuri, fis-sens li jġibu magħhom difett proċedurali li jwassal għal ksur vantat.

Fil-fatt l-ewwel ilment mressaq mir-rikorrenti jirrigwarda id-**Direttivi Rigard l-Akkreditament tal-Laboratorji Forensici.** Jirreferi għal Council Framework decision 2009/905/JHA dwar l-akkreditazzjoni ta' laboratorji forensiċi bl-isem Accreditation of Forensic Service Providers carrying out Laboratry Activities u Regulation [ EC] No.765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accreditation and market surveillance relating to the marketing of products, datata 9 ta' Lulju, 2008 li ġiet trasposta fil-liġi maltija u hija hekk effettiva fl-liġi nostrali permezz ta' legislazzjoni sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forsensici. It-tezi tar-rikorrenti hija dik li minħabba lil laboratorju forsensiku li fih l-espert xjenzat Godwin Sammut effettwa l-analiżżi tiegħu, ***qua* espert nominat mill-Magistrat Inkwerenti,** ma kienx wieħed hekk akkreditat, dan iġib il-konsegwenza ta' nuqqasitajiet u preġudizzju kbir għal esponenti in kwantu dan ma jwassalx għas-serħan tal-moħħ rigwardanti l-analiżi magħmula mix-xjenzat fil-konfront tas-susstanza misjuba fil-pussess tiegħu skont l-akkuzi lilu adebittati.

Skont ir-rikorrenti din in-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju foresnsiku jwassal għan-nullita' tal-proċeduri kriminali u jikkostitwixxu ksur ta' smigħ xieraq ai termini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

In eżami ta' din il-lanjanza ikun opportun li wieħed jagħmel referenza għal dak li ddepona l-istess xjenzat Godwin Sammut f'dawn il-proċeduri.[13] Godwin Sammut jikkonferma illi l-laboratorji ġewwa l-Universita', fejn fil-fatt ġiet analiżżata d-droga misjuba li hija l-bazi ta' l-akkuza miġjuba kontra r-rikorrenti, mhux wieħed akkreditat. Jispjega ukoll lil proċess ta' akkreditazzjoni huwa proċess ta' ħafna *paper work* u flus. Jispjega l-akkreditazzjoni bħala *"Rikonoxximent illi inti żżomm l-audits u l-paperwork ...."* iżid aktar tard *illi " ..hemm misconception li għax tkun akkreditat speċi ta', qiesek ..ma hemmx żbalji...infallibbli, imma ta the end of the day, il-persuna li qed tagħmel analiżi jiddependi kollox fuqha"*[14] Żid li tkun akkreditat jfisser li minn żmien għal żmien isir audit. Għalkemm stqarr illi t-*trend* kienet li kull laboratorju u analiżi kien se jispiċċa sotttopost għal xi tip ta' akkreditazzjoni, senjatament żid lid-Direttiva invokata mir-rikorrenti ma kienetx applikabbli għal analiżi minnu kondottta fl-akkuza miġjuba kontra r-rikorrenti.

Spjega ukoll il-kontrolli li jsiru fuq l-apparat li jkun użat għal analiżi ta' sustanzi illeċiti, bħal ma hu n-*negative* u *positive control*, l-ikkalibrar ta' l-istrumenti li jsir darba fis-sena u *checks* oħra li jsiru fuq l-apparat qabel kull *"run"* [15]. Insista li qabel l-analiżi ta' kull esebit jsir *check* ta' kuljum.

[13] Ara xhieda ta' l-istess folio 33 et seq. Ukoll folio
[14] Folio 44
[15] Folio 49

Żid ukoll lil l-aċċess għal laboratorju kien wieħed limitat għalih u żewġ/tlett xjenzati oħra. Żid li kien hemm sigurta' kbira fir-rigward. Ukoll li apparti għas-sistemi ta' sigurta' li kienu vigenti fl-istess laboratorju li *"...nagħmlu ukoll dawk li jissejjħu inter-laboratory comparisons. Jigifieri, illi nagħmmlu l-UNODC, il-United Nations Office of Drugs and Crimes, jibgħatu sample kull sena, jew kwazi kull sitt xhur.....għax kull sitt xhur isir. Is-sample ma nkunux nafu x'inhu, nanalizawh, nibgħatulhom ir-rizultati imbagħad wara ftit joħorgu ir-riżultati. Dan huwa dak li jissejjaħ inter-laboratory comparison "*[16]

Dwar il-fatt lil-laboratorju ma kienx akkreditat jixhed li: *".. ovvjament ma jbiddel xejn, għax hu l-apparat se jibqa l-istess apparat, l-analizi kif għandu isir xorta se jibqa' jsir, xorta isiru l-interlaboratory comparisons. Aħna xorta nagħmlu controlls ħalli nknu ċerti illi l-apparat qed jaħdem. L-accreditation kulma ħa ibiddel huwa iktar paper work min-naħa tagħna imma mhux se jkun jidher fir-rapport finali. Jigifieri, rapport xorta se jibqa' l-istess. Issa, ħaga oħra li nixtieq inżid, hu illi, s'issa m'hemmx obligations kemmm minn-naħa tal-EU u kemm min naħa tal-gvern lokali, ta' Malta sabiex dawn it-tipi ta' Labs jiġu akkreditati. Li hemm biss fuq id-DNA u l-fingerprints u hemm raguni, hemm storja għax kienu fingerprints u DNA biss."*[17]

Mistoqsi fuq l-impatt li dan in-nuqqas ta' akkreditazzjoni, xehed li ma kien xejn fejn jitratta ta' r-riżultat ta' l-analiżi, żid li n kwantu l-*accreditation* kienet tinneċessita' *validation* din kien operat li xorta kien qed isir milll-laboratorju kif spjegat.

In tematika l-Qorti se tagħmel referenza għal ġurisprudenza li tolqot l-istess ilment; il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat ta' L-Istat**[18] qalet dan dwar din l-istess lanjanza:-

[16] Folio 71C
[17] Folio Ibid
[18] 255/20TA deċiża 22/06/21

*"Direttivi rigward Akkrediment tal-laboratorji Forensici*

*"23 Kif diġa' aċċennat, ir-rikorrent qiegħed jibbaża l-ilment tiegħu f'dan ir-rigward peress li meta d-droga misjuba għandu, ġiet eżaminata mix xjenzjat Godwin Sammut dan sar f'Laboratorju li ma kienx akkreditat. Ir rikorrent jgħid li konsegwentement l-analiżi tad-droga ma kienitx konformi Mal-Council Frame work 2009/905/JHA li ġiet trasposta fil-liġi Maltija permezz ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni Dwar Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi datata 29 ta' Marzu 2016. Għalhekk din l-analiżi mhux biss ma kienitx konformi ma' dawn irregolamenti iżda anke ma standards barranin u jsemmi f'dan ir-rigward lEN ISO/IEC 17025.*

.

*24 Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinsisti speċifikament li minħabba f'hekk id-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq ai termini tal-artikolu 6 u 39 rispettivament ġew leżi (ara l-aħħar paragrafu qabel it-talbiet tar-rikors promotur a' fol 10).*

*25 Il-Qorti tibda biex tosserva li artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460/31 jispeċifika b'mod ċar l-iskop ta' din l-ordni billi jiddisponi hekk:*

*"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditamenttal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettquAttivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:*

(a) *profil tad-DNA; u*

(b) *data dattiloskopika"*

*26 Din l-ordni hija trasposizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija (Il-Qafas). L-oġġettivi ta' dan il-Qafas jagħmilha cara li jirrigwarda* <u>*biss*</u> *"DNA profiles and dactyloscopic data are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters". Igifieri l-akkreditament huwa limitat biss għat-teħid ta' impronti tas-swaba' u elevazzjoni ta' traċċi ta' DNA. Il-preokuppazzjoni ma hiex biss fir-rigward ta' proċeduri kriminali iżda b'mod partikulari għal wara disastri. Il-Qorti ma tistax timmaġina kif l-argument tar-rikorrent jista' jikkonfigura fl-aħħar każ.*

*27 Huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025 artikolu 4 tal-LS 460/31 jiddisponi ukoll is-segwenti u cioe':*

*"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:*

*(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultatital-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn forniturita' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 1702;*
(c)*li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tallaboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025".*

**28.** *Il-Qorti tirrileva, li din ir-referenza għandha tittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament li jkun regolat. Dan ifisser fiż-żewġ ċirkostanzi fuq imsemmija. Di fatti l-Qafas jispjega li "That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the*

*principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States".*

**29.** *Iġifieri l-iskop mhux biss li jitħarsu d-drittijiet tal-akkużat. Iżda li jkun hemm anke mezzi kif tkun miġġielda l-kriminalita'. Il-Kunsill irid li jkun hemm bilanċ bejn dawn iż-żewġ forzi li ħafna drabi jkunu kontrapposti. Għalhekk f'ċirkostanza bħal din il-Qorti la tista' twessa' t-tifsira tal-Qafas favur il-prosekuzzjoni u l-anqas favur l-akkużat anke in ommagg tal-*
*prinċipju ubi lex voluit dixit.*

**30.** *Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li din il-liġi 'tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss iżda r-regolament 6 jiddisponi illi dan "**l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,**" biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-riżultanzi forseniċi magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini tal dritt penali fir-rigward.' (ara **digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014 Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs- Mario Buhagiar tas-26 ta' Ġunju, 2020**).*

**31.** *Il-Qorti l-anqas tista' ma tosservax li tul il-proċeduri r-rikorrent ma għamel ebda ilment f'dan ir-rigward. Anzi meta għamel l-appelli tiegħu, illimita l-aggravji tiegħu unikament għal kwantum tal-piena. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-attitudni li f'kawżi ta' natura Kostituzzjonali, fejn dak li jkun dejjem jipprova joħroġ il-*

*fenek mill-kappell meta diġa' jkollu aggravji oħrajn li jkunu ħafna aktar ta' sustanza. Dan l-element ta' sorpriża jew ta' tqanżiħ fil-kisba ta' xi raġuni li tkun bla fundament, kapaċi jnaqqas ħafna millkonċentrazzjoni, enerġiji u spessur ta' ħsieb li jkun hemm bżonn, tant meħtiega fil-konsiderazzjonijiet ta' aggravji aktar serji.*

**32.** *Għalhekk dan l-ilment ser ikun miċħud."*

Ta' l-istess ħsieb kienet il-Qorti Kriminali fl-Att ta' akkuza numru 20/20 ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Davide Bonanno**[19] fejn ingħad li:-

***"Is-sitt eċċezzjoni preliminari: L-inammissibilita' tax-xhieda u rrelazzjoni tal-Professur Sinagra in kwantu l-eżamijiet li saru minnu ma sarux f'laboratorju akkreditat skont il-liġi.***

*31 Illi i f'din is-sitt u l-aħħar eċċezzjoni preliminari, l-akkużat qiegħed jattakka l-ammissibilita' tax-xhieda u tar-relazzjoni tal-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti l-Professur Emanuel Sinagra u dan għaliex skont l-akkużat it-testijiet li dan tal-aħħar għamel fuq is-sustanza illeċita ma sarux f'laboratorju akkreditat skont il-liġi. Din l eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jibbażaha fuq dak li tippreskrivi, skont hu, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 liema strument tal-Liġi daħal fil-Liġi nostrana nhar id-29 ta' Marzu 2016 sabiex jirrifletti l istandards proposti mill-Kunsill Ewropew fid-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA (iktar 'il quddiem imsejħa 'Deċiżjoni Kwadru'). Din il Qorti tirribadixxi li tqis bħala inammissibbli* ***<u>biss</u>*** *dak kollu li l-Liġi stess trid li ma tistax tinġieb bħala prova fil-proċeduri kontra l ġudikabbli.*

[19] 10 ta' Novembru, 2022

*32 Illi din id-Deċiżjoni Kwadru għandha bħal skop dik li tikkrea armonizzazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal dak li għandu x'jaqsam l-analiżi f'laboratorju ta' evidenza forensika b'mod tali li r-riżultanzi forensiċi li jsiru f'laboratorju ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiġu utilizzati bħala prova sikura u valida fi proċeduri penali f'kull Stat Membru ieħor u dan l-istandard ikun jintlaħaq permezz talakkreditazzjoni tal-laboratorji skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.*[2]

*33 Iżda l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru, jirrestrinġi l-iskop, ossija l-kamp tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru għal dik levidenza forensika li taqa' f'waħda miż-żewġ kategoriji imsemmija f'dak l-artikolu:*

*Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

*Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-attivitajiet tal laboratorji li jirriżultaw fi:*

*(a) Profil tad-DNA; u*
*(b) Data dattiloskopika*[20]

.

*34 Inoltre, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru jispeċifika dak li għandu jinftiehem bi profil tad-DNA*[21] *kif ukoll data dattiloskopika.*[22] *Dawn id-definizzjonijiet ma jinkludux fihom sustanzi illeċiti jew traċċi tagħhom. Għalkemm fid-*

---

[20] ***Għan***
*1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li jiġi żgurat li rriżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor. 2. Dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tallaboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.*
*huma mogħtija tifsira wiesa', din pero trid dejjem tiġi mifhuma u mfissra fil-parametri tal-iskop u tal-kamp tal-applikazzjoni li għaliha tkun qegħda ssir dik id-Deċiżjoni Kwadru.*

[21] "profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżenta sett ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti nonkodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman, jiġifieri listruttura molekulari partikolari fiddiversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA;

[22] "data dattiloskopika" tfisser immaġini ta' marki tas-swaba', immaġini ta' marki tas-swaba' moħbijin, marki tal-pala talid, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta' tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati).

*definizzjoni tal-kunċetti l-iżjed fundamentali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru "attivita tal-laboratorji", "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" u "fornitur ta' servizzi forensiċi"*[23]

*35 L-analiżi tas-sustanzi illeċiti ma tinkwadrax ruħha fl-iskop jew fil-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. F'dan irrigward issir referenza għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża* ***The Republic of Malta vs. Tiberiu-Mihail Miculescu*** *deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2022 fejn fuq eċċezzjoni li kienet pratikament identika fis-sustanza tagħha, intqal:*

*'The Court here makes references to the decree in the names* ***The Republic of Malta vs Izuchukwu Morgan Onuorah*** *where the following was provided:*

*'The first Article of the Council Framework Decision 2009/905 JHA on Accreditation of forensic service providers carrying out laboratory activities dated 30th November 200917 stipulates that:*

*'The purpose of this Framework Decision is to ensure that the results of laboratory activities carried out by accredited forensic service providers in one Member State are recognised by the authorities responsible for the prevention, detection and investigation of criminal offences as being equally reliable as the results of laboratory activities carried out by forensic service providers accredited to EN ISO/IEC 17025 within any other Member State.*

*This purpose is achieved by ensuring that forensic service providers carrying out laboratory activities are*

[23] (a) "attività tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe miżura li tittieħed f'laboratorju meta traċċi fuq oġġetti jkunu qed jiġu lokalizzati u rkuprati, kif ukoll meta tiġi żviluppata, analizzata u interpretata evidenza forensika, bil-ħsieb li jingħataw opinjonijiet esperti jew li tiġi skambjata evidenza forensika;
(b) "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe riżultat analitiku u interpretazzjoni direttament assoċjata;

*accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025.*

*The Council Framework Decision mentioned above was transposed to Maltese law by means of Subsidiary Legislation 460.31 on the 29th March, 2016. Moreover, Article 2 of the Council Framework Decision and Article 3 of the aforementioned Subsidiary Legislation* ***both provide that the framework decision shall apply to laboratory activities resulting in DNA-profile and dactyloscopic data, both of which have nothing to do with drugs analysis****.*[24] *When scientist Emanuel Sinagra testified before this Court on the 24th March, 2021 he confirmed this when asked by the defence why the laboratory was not accredited:*

*''There is no obligation till to date 2021 jigifieri for the government to accredit any forensic laboratory except for the council decision which states that DNA profiles and dactyloscopic data. The council decision I am referring to in 2009/905/JHA of the 30th November, 2009 which implements and sets out criteria for the government follow this council decision. I have performed a search with the European Union and Malta is in line with this council decision. In fact n 14th May, 2020 the European Union issued a security union to Belgium and Greece who were the only two states from the European Union which had not yet fully transposed and implemented this European Commission decision. However, Malta is in line with this decision, there is no obligation for the Government of laboratory to accredit their laboratory, except for DNA and fingerprints which Malta is line with.''*

Għal kompletezza jingħad ukoll lir-rikorrenti tella' jixhed lil Claude Boffa, direttur tal-Accreditation Board li spjega l-vantaggi ta' l-akkreditazzjoni. Anke hu għamel referenza għal ISO 107025 *recte* ISO 10725[25]. Pero jibqa' l-fatt li nonostante dak li jiddeponi l-istess Boffa fuq l-impatt u l-effett tal-

[24] Enfasi ta' din il-Qorti.
[25] Folio 63A

akkreditazzjoni, li kif ġia ngħad m'hemmx l-obbligu ta' tali akkreditazzjoni sa fejn jirrigwarda l-analiżi tad-droga kif inhu l-kaz in kwistjoni. Terġa tfakkar li l-espert in mertu kien wieħed nominat mill-Magistart Inkwerenti, espert tal-Qorti li jgawdi mill-fiduċja ta' l-istess u huwa ben staġonat u rispettat f'xogħolu u kif dejjem kkonduċa l-istess.

Huwa ċar kristallin li nonostante dak propost mir-rikorrenti lil legislazzjoni sussidjara 460.31 li trasponit id-Deċiżjoni Kwadru MHUX applikabbli għal laboratorji konċernati bl'analiżi ta' droga. Oltre hekk mix-xhieda tax-xjentist Godwin Sammut jiriżulta li hemm in pratika dawk il-kontrolli kollha biex jiġi assigurat riżultat imparzjali, ġust u korret. Fil-fatt kif ben iddepona Godwin Sammut, l-akkreditazzjoni, anke jekk hija t-triq maħsuba fil-futur, mhu se tbiddel **xejn** mill-kontrolli li **ġia** huma adoperati fil-laboratorju in kwistjoni.

Punt ieħor fir-rigward li jogħkor lil Qorti illi tul l-Istruttorja kollha, l-akkuzat illum ir-rikorrenti, ma lmenta qatt minn dan l-analiżi jew r-riżultanzi presentati, issa rinfaċċat bl-Att ta'Akkuza ħass ruħu hekk aggravat.

**Konsegwentement in linea ma' dak kollu kkunsidrat hija tal-fehma illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija miċħuda u l-eċċezzjoni numru 4 ta' l-Avukat ta' l-Istat fir-rigward hija ġusta.**

Marbuta ma l-istess analiżi l-Avukat ta' l-Istat jisħaqq ukoll **fit-tielet eċċezzjoni** tiegħu illi n kwantu ir-rikorrenti anke ressaq din il-lanjanza inlinea ta' eċċezzjoni preliminari quddiem il-Qorti Kriminali wara li ħareg l-Att ta' Akkuza, allura din il-vertenza hija waħda ta' indolu tal-liġi ordinarja u li din il-Qorti f'din il-kompetenza tagħha għandha tideklina li teżerċita il-ġurisdizzjoni tagħha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragunament. Il-fatt lil Qorti Kriminali setgħet ġiet adita b'eċċezzjoni simili ma jfissirx li din il-Qorti għandha tagħzel li ma teżerċitax dik id-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi u ma tarbilx din il-lanjanza mill-lat ta' ksur ta' smigħ xieraq. Lir-rikorrenti jagħzel li jadixxi żewġ Qrati bl-istess ilment jista' jinħass indesiderabbli, imma hija biss din il-Qorti li tista' teżamina il-vertenza mill-lat kostituzzjonali/konvenzjonali u tagħti r-rimedji opportuni fejn xieraq, għalkemm kif jiriżulta mill-kazistika hawn riflessa, il-Qrati Kriminali għarfu mill-lat ta' ammissibilita' ta' prova kif jimxu f'kazi simili.

**Konsegwentement din it-tielet eċċezzjoni qegħda ukoll tiġi miċħuda.**

**Stqarrija tar-rikorrenti u tax-xhud Nigel Micallef.**

It-tieni lanjanza tar-rikorrenti hija dik marbuta mat-teħid ta' l-istqarrija kemm tiegħu u l-użu tagħha bħal prova fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ukoll dik tax-xhud Nigel Micallef. Ir-rikorrenti jsejjes dan l-ilment bi ksur tas-smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, in kwantu hu u x-xhud Micallef ma kienux provduti bid-dritt ta' assistenza legali meta matul l-arrestat tagħhom ittieħditilhom l-istqarrija tagħhom.

**Stqarrija tar-rikorrenti.**

In rigward ta' dak li jolqot l-istqarrija tiegħu jżid lil-fatt li l-istqarrija ġiet ammessi fil-proċeduri, stante lil l-istqarrija ttieħedet b'mod leżiv, jiksru d-

drittijiet ta' smiegħ xieraq għax din ikkundizzjonat jew tista tikkundizzjona b'mod negattiv il-kors tal-proċduri kriminali kontrih.

Mill-eżami ta' l-atti proċesswali, senjatament l-inkartament tal-proċeduri kriminali allegati, jirriżulta lli r-rikorrenti Nicholas Vella rrilaxxa stqarrija wara li ġie mogħti d-debita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem, ukoll li dak li kien se jgħid lil puliżija darba li jagħżel li jwieġeb seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Nicholas Vella għażel li jwieġeb għad-domandi lilu magħmula. Ukoll għax dak iż-żmien din kienet il-liġi vigenti wara l-emmendi ta' Frar tas-sena 2010, ir-rikorrenti ġie mogħti l-jedd li jieħu parir legali qabel ma jirrilaxxa stqarrija. Huwa għazel li jirrinunzja għal dan id-dritt.[26] Huwa rrilaxxa stqarrija[27] fejn *inter alia* ammetta s-sejbien fil-pussess tiegħu ta' borza kannabis grass, ammont sostanzjali ta' ewros, bejgħ ta' raza u kannabis gras, (presumibilment biex iħallas dejn li ħalla l-mejjet ħuħ in relazzjoni mad-droga), arma tan-nar u flejjes oħra f'ammont sostanzjali ġo safe.

Fil-konfront ta' din il-vertenza l-Qorti tiċċita minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati *qua* waħda ta' Ġudikatura Kriminali, n kwantu fl-istess il-ġudikant għamlet hemm rassenja erudita u studjata tal-prinċipji governanti in-nuqqas li jilmenta minnu ir-rikorrenti, anke jekk f'dak il-kaz dik il-Qorti kienet qed tagħmel dan l-eżami mill-ottika ta' ammissibilta' ta' l-istqarrija bħala prova. Għalhekk fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Puliżija (Spettur Malcolm Bondin) vs Jadon Grima**[28] dik il-Qorti qalet dan;-

> *"Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, u dan b'żieda mas-sentenza hawn fuq imsemmija ċitata mid-*

[26] Folio 78,
[27] Folio 79
[28] Deċiża per Magistrat Natasha Galea Sciberras fit-30 ta' Jannar, 2023. Kumpilazzjoni nru. 52/2014

*difiża, is-sentenzi fl-ismijiet* ***Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et*** *(Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018),* ***Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat*** *(Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021),* ***Clive Dimech vs Avukat Ġenerali*** *(Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021,* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et*** *(Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll* ***Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat*** *(Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion*** *(Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022).*

*Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet* ***Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et****, f'liema każ, minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu, ir-rikorrenti kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, fl-istqarrijiet tiegħu, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi li sarulu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:*

*"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik*

*karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]*

*Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, <u>waħda minnhom ġuramentata</u>, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:*

*"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-*

*istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

*Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet* **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat***, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:*

*"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.*

*27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:*

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is*

*<u>only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

*28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.*

*29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju* ***r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana*** *deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u* ***r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello*** *tat-3 ta' Diċembru 2019).*

*30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.*

*Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."*

*Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello*** *tat-18 ta' Novembru 2021, fejn hemmhekk dik il-Qorti segwiet l-insenjament fl-aħħar sentenza hawn fuq ċitata, wara li qieset illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq dwarhom quddiem il-Qorti:*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet* ***Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et*** *(Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 …:*

*"din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-*

*ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward."*

*Finalment, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** tal-4 ta' Mejju 2022, fejn ingħad hekk:*

*19. Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[29] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu."*

---

[29] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Generali**, **The Police vs Alexander Hickey**, **Morgan Onuorah vs l-Avukat ta' l-Istat**.

B'żieda l-Qorti se terġa tgħaddi biex tiċċita fit-tul sentenza oħra nformattiva ta' l-istess Ġudikant fejn reġa' sar studju aktar approfondit ta' deċiżjonijiet in tematika u kif il-Qrati nostrali f'ċirkostanzi diversi, fejn si tratta kemm tad-dritt ta' konsulta ta' avukat qabel l-interrogatorju ukoll in-nuqqas ta' assistenza legali matul l-interrogatorju, trattaw ma din l-allegata lezjoni. Din hija d-deċiżjoni fl-ismijiet **L-Ispettur Dennis Theuma vs Dominic Azzopardi. (ukoll per Magistrat N. Galea Sciberras)[30].** Ovvjament jerġa' jiġi ripetut lil Qorti ta' kompetenza kriminali kienet qed titratta ma dan il-punt mill-ottika ta' ammissibilta' ta' prova.

> *"Illi jirriżulta mis-suespost illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-22 ta' Ottubru 2009 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr ma ngħata d-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr ma ngħata d-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.*
>
> *Permezz ta' rikors tad-19 ta' April 2016[31], l-imputat talab illi l-Qorti tordna l-isfilz ta' din l-istqarrija u ma tieħu ebda konsiderazzjoni tal-kontenut tagħha, u dan fil-waqt illi sostna, fost raġunijiet oħrajn illi l-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha għalfejn tikkunsidrahom, illi huwa ma kienx assistit minn avukat meta rrilaxxja din l-istqarrija. Fl-istess rikors saret referenza għall-każ **Mario Borg v. Malta**, deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016.*

[30] Kump. Nru. 592/2013 deċiża 28/04/2021
[31] Ara a fol. 67 tal-proċess.

*Bi tweġiba għall-imsemmi rikors, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.*[32]

*F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ* ***Mario Borg v. Malta****, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor*** *tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia* ***Carmel Saliba vs Avukat Generali*** *tas-16 ta' Mejju 2016,* ***Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali*** *tat-30 ta' Mejju 2016,* ***Malcolm Said vs Avukat Generali et*** *tal-24 ta' Ġunju 2016 u* ***Aaron Cassar vs Avukat Generali et*** *tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement."*

*Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet* ***Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et****, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:*

*"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja`*

---

[32] Ara a fol. 83 tal-proċess.

*kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]*

*Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>****, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-*

*dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>*** *tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Sandro Spiteri</u>*** *tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>*** *tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet* ***<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>****:*

*"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

*Fil-każ ta'* ***Philippe Beuze vs Belgium*** *deċiż mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-overall fairness of the proceedings sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:*

*"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

*F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat inter alia illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-*

*fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.*

*Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>*** *nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.*

*F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta'* ***<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>*** *deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'*<u>**Beuze v. Belgium**</u> *u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:*

*"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

...

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet* ***Graziella Attard vs Avukat Ġenerali****, f'liema każ il-posizzjoni legali kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, wara li rreferiet ukoll għall-każ* ***ta' Beuze v. Belgium****, l-istess Qorti kkonkludiet illi:*

*"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta'*

*Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]*

*Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:*

*"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

*19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".*

*Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-overall fairness of the proceedings straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward*

*ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.*

*Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, Omissis</u>****, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza l-iżjed riċenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal* ***<u>Beuze v. Belgium</u>****, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom* ***<u>Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar</u>*** *tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat,* *<u>abbinata ma' provi oħrajn</u>**, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju,* ***<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>*** *fuq ċitata, kif ukoll* ***<u>Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et</u>*** *tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:*

*"Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni*

*kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Farrugia vs. Malta****, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:*

*"Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."*

*Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello*** *u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:*

*"fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) …".*

*Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:*

*"21. L-istqarrija in kwistjoni <u>m'hijiex l-unika prova</u> għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.*

*Fis-sentenza tagħha* ***Il-Pulizija vs Carmel Polidano et*** *imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:*

*"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.*

*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu*

*assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."*

*Irid jingħad ukoll illi riċentement fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet* ***Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat****, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:*

*"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament. [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:*

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. *Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.*

29. *Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju* ***r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana*** *deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u* ***r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello*** *tat-3 ta' Diċembru 2019). [sottolinear ta' din il-Qorti]*

30. *Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-*

> *assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.*
>
> *Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."*

Magħmula din ir-referenza ġurisprudenzjali, il-Qorti terġa ssaħħaħ il-fehma tagħha li biex wieħed jasal għal konklussjoni ta' ksur ta' smigħ xieraq jinħtieg li jsir eżami ħolistiku u totali tal-proċeduri kollha u kif prova timpatta l-istess mhux kif jistieden ir-rikorrenti li jiġi misluta prova qabel ma jibda l-vera proċess. Kienet laborjuza it-triq biex anke il-Qrati Ewropeja wasslu għal din il-konklussjoni u jqiesu li l-eżami approjat għandu jkun dak ta' l-*overall fairness* tal-proċeduri konklussi kif rifless f'**Beuze** *supra*.

Il-Qorti tifhem pero li għalkemm il-ġudikant togat jagħraf jislet sew kull fattur biex jassigura li ssir ġustiżja xierqa, u kif inhu dmiru jindirizza b'mod legali u elokwenti lil ġurija, għal imħallef tal-fatt jaf ikun diffiċli jinsa l-impatt ta' dak li jkun intqal fl-istqarrija jekk din titħalla fl-atti proċesswali. Tqies ukoll li lanqas hu d-dover tagħha f'dan l-istadju tagħmel valutazzjoni Hi ta' kif din tista' timpatta fuq l-akkużi miġjuba, dak hu eżami ta' forum ieħor.

Tqies li għalhekk ikun għaqli li tadotta t-tagħlim erudit tal-Qorti Kostituzzjonali u tadotta l-konklussjoni fid-deċiżjoni ta' **Morgan Onuorah**[33] *supra* ( fost oħrajn) u biex ma jokkorrix ebda difett proċedurali, għalkemm mhux qed tilqa l-lanjanza ta' ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni, li tiddeċidi lil li ma tippermettiex l-użu ta' l-istqarrija tar-rikorrenti Nicholas Vella li rrilaxxa lil Pulizija mingħajr ma kien permess lilu l-asssistenza legali matul it-teħid tagħha. Dan jingħad anke in omaġġ tal-fatt li jekk titħalla l-użu ta' din l-istqarrija, fis-sens anke biss li titħalla fil-proċess, dan jaf jikkontamina l-proċess ġudizzjarju u mhux la fl-interess tal-ġustizzja u tal-pubbliku in generali li jinħela żmien fil-kors ta' l-andament ġudizzjarju biex fl-aħħar mill-aħħar isir id-debita ġustizzja mal-vittmi terżi u/jew il-pubbliku in generali.

**Stqarrija tax-xhud Nigel Micallef.**

It-tieni talba tar-rikorrenti hija indirizzata lejn l-istqarrija tax-xhud Nigel Micallef, jsostni li anke l-istqarrija ta' dan ix-xhud għandha tiġi sfilzata mill-atti nkwantu anke din ġiet meħuda mingħajr ma Micallef ġie mogħti dritt għal asssistenza legali tul ir-rilaxx ta' l-istess stqarrija tiegħu. Iqies għalhekk li din ġiet meħuda ukoll bi ksur għalih ta' l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja allura bl-effett ta' nuqqas ta' smigħ xieraq fil-proċeduri Kriminali.

Da parti tiegħu l-Avukat ta' l-Istat jilqa għal dan l-ilment billi jissottometti li hija il-persuna propja li tagħmel l-istqarrija li għandha id-dritt li tilmenta **hi** li ma ġietx mogħtija aċċess għal avukat ta' fiduċja tagħha.

[33] Għalkemm din kienet waħda ta' Referenza Kost.

**Bla tlaqliq il-Qorti tiddikjara li din it-talba kif proposta mhux waħda li tista ssib suċċess.**

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi**[34] l-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid fir-rigward ta' l-istess ilment**;-**

*"14 Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.*

15 *Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "<u>Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et</u>. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:*

*>Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda*

[34] Deċiża 13 ta' Frar, 2017 Referenza Kostituzzjonali Numru 12/2016 MH

*– fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel listqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«*

16 *Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet* *<u>Il-Pulizija v. Patrick Spiteri</u>*

*fejn kienet qalet hekk:*

*»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l- equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.*

*»… … …*

*»39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«*

17. *Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tallum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija*

*ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet listqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur taljeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu lattur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontroeżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.*

18. *Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud."*

Mill-atti tal-proċess kriminali allegati jirriżulta illi Nigel Micallef xehed diversi drabi fl-Istruttorja [35] Wara x-xhieda *viva voce* tiegħu inħass il-bżonn li tiġi esebita l-istqarrija tiegħu għal fini ukoll ta' kontroll ta' dak li qal ix-xhud *a tempo vergine*.[36] Mill verbali relattivi[37] minn imkien ma jirriżulta xi protest da parti tax-xhud jew li nforma l-Qorti li kien f'xi forum ieħor qed jikkontesta l-istess stqarrija. Kien jispetta biss lil Nigel Micallef li jikkontesta u javanza d-drittijiet pertinenti lilu inkluzi dawk konvenzjonali u kostituzzjonali. L-istqarrija ta' xhud

[35] Folio 324 u 365,
[36] Folio 370
[37] Folio 323 u 364

ma tikkontaminax il-proċess ġudizzjarju kif jippretendi r-rikorrenti, aktar u aktar meta hu ta' d-deposizzjoni tiegħu *viva voce* u tista' ukoll sservi għal kontroll ta' kredibilta' ta' l-istess xhud. Xejn ma jżomm lir-rikorrenti, *qua* akkuzat li jressaq il-provi tiegħu, inkluz li jagħmel il-kontro eżamijiet biex jewaqqa' dak li jista' jiġi pruvat bl-użu ta' l-istess stqarrija ta' Micallef. Għalhekk id-dritt tiegħu ta' smigħ xiersaq jibqa' mhux mitiefes.

**Konsegwentement it-talba tar-rikorrenti sa fejn jirrigwarda l-istqarrija ta' Nigel Micallef qegħda tiġi miċħuda...**

**Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti qegħda tidisponi minn dan ir-rikors billi taqta' u tideciedi illi;**

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat.**

**Tilqa it-tieni eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat li f'dan l-istadju tal-proċeduri, qabel ma jiġu determinati dawk kriminali, ma tistax tintlaqa' it-talba li hemm ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzzjoni.**

**Tiċħad l-ewwel talba ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq maħsub ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni sa fejn jirrigwarda l-analiżi tad-droga ġo laboratorju mhux akkreditat u tilqa b'hekk ir-raba' eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat, pero tiċħad it-tielet eċċezzjoni fir-rigward.**

**Fir-rigward tat-tieni talba ma ssib ebda ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni la fir-rigward ta' l-istqarrija tar-rikorrenti u lanqas fir-rigward ta' dik ta' Nigel Micallef kif ġia ingħad, GĦALHEKK IT-TALBA HI HEKK MIĊĦUDA, pero għar-ragunijiet ġia esposti tqies li biex ma jiġix kontaminat il-proċess Kriminali li l-istqarrija**

**BISS tar-rikorrenti meħuda mingħajr id-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogatorju m'għandhiex tagħmel parti iżjed mill-atti Kriminali. Tiddisponi b'hekk mill-ħames eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat fil-waqt li tilqa' s-sitt waħda.**

**In kwantu għat-tielet talba tqies li dawn id-dikjarazzjonijiet sa fejn kompatibbli mat-talbiet tar-rikorrenti għandhom ikunu rimedju sodisfaċenti.**

**Kull parti għandha tbagħti l-ispejjez minna inkorsi.**

**Onor. Imħallef Miriam Hayman**

**Dep.Reg. Victor Deguara.**